MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 204/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Jesmond Pavia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmond Pavia talli fil-5 ta' Dicembru 2004, ghall-habta ta' 12.05hrs. gewwa Triq il-Munxar, M'scala:

(1) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'mod iehor;

(2) qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

(3) hebb kontra Michelle Lillicrap sabiex jingurja, idejjaq, jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

(4) ingurja jew hedded lil Michelle Lillicrap bi kliem;

(5) bi hsara tas-sid jew detenur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta` ta' Roger Zarb;

(6) kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mtluba sabiex minbarra l-piena li jidhrilha xierqa tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' Michelle Lillicrap u l-familjari taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Jesmond Pavia hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni u obbligahtu li jzomm il-bon ordni u l-kwiet ma' Michelle Lillicrap ghal perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza taht penali ta' mitt liri Maltin (Lm100) fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jesmond Pavia pprezentat fit-22 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li tirrigwarda l-liberazzjoni mit-tieni imputazzjoni u s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt impuzzjonijiet u ghall-applikazzjoni tal-garanzija skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 ghal perijodu ta' sena, izda tirriformaha billi minflok piena ta' privazzjoni tal-liberta` personali tigi nflitta piena iktar gusta u ekwa skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant isostni li c-cirkostanzi tal-kaz ma jiggustifikawx piena li timporta l-

privazzjoni tal-liberta` personali u dan ghas-segwenti ragunijiet: (1) Huwa kkommetta l-fatti attribwiti lilu minhabba l-agir ta' Michelle Lillicrap; (2) Ma ghamilx uzu mis-sikkina ossia mus li kellu fil-pussess tieghu; (3) Il-fedina penali tieghu hija netta ghal dak li jirrigwarda reati bhal dawk addebitati lilu f'dawn il-proceduri.

Fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2005 Dott. Owen Bonnici ghall-appellant iddikjara li mhux qed jinsisti fuq l-aggravju tieghu rigwardanti l-allegata provokazzjoni u rrinunzja ghaliha, filwaqt li Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-Avukat Generali ddikjara li galadarba ma gewx riskontrati offizi fuq il-persuna ma kienx qieghed jinsisti ghal piena ta' privazzjoni tal-liberta` personali.

Din il-Qorti, wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, u anke stante li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti, hi tal-fehma li huwa opportun li jkun hemm temperament fil-piena.

Ghall-korrettezza pero` jrid jinghad li, kuntrarjament ghal dak li qal l-appellant, mill-fedina penali tieghu jirrizulta li fit-18 ta' Novembru 1996 kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u gie kkundannat *ammenda* ta' Lm25.

Ghall-korrettezza wkoll jigi osservat li ghalkemm l-appellant gie kkundannat gimgha detenzjoni, il-piena ta' detenzjoni hija piena applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet biss u mhux ukoll ghad-delitti, sakemm il-ligi ma tipprovdix mod iehor. Fost ir-reati li taghhom l-appellant gie dikjarat hati, is-sitt imputazzjoni huwa delitt punibbli b'multa ta' mhux izjed minn hamsin lira (Lm50) jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur skond l-artikolu 13(1) tal-Kap. 66.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni tikkundannah minflok

ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) u tikkonfermaha fil-kumplament. Il-perijodu ta' sena skond l-obbligazzjoni ffirmata mill-appellant fit-13 ta' Gunju 2005 jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------